22 ta' Frar, 1967

Imħallef:

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

Avukat Dr. Paolo Borg Grech et

*versus*

Avukat Dr. Edgar Buhagiar noe et

**Tassazzjoni — Ritassa — Leġittima — Likwidazzjoni ta' — Talba għall- — Dikjarazzjoni, bħala — Valorem, ad —**

*It-talba għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-leġittima għandha tiġi intaxxata ad valorem biss meta jkun hemm kontestazzjoni jew dwar lis-spettanza jew dwar l-ammont ta' dik il-leġittima. Meta talba tiġi magħmula bil-kondizzjoni 'jekk hemm bżonn', allura jekk ma jkunx hemm bżonn li l-Qorti tinvestiga dik il-kwistjoni allura dik it-talba ma għandiex tiġi ntaxxata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa — premess li l-atturi kienu d-difensuri tal-konvenuti odjerni Maria Dolores Virzin u Maria Salvina Portelli, u sa ċertu stadju tal-kawża anki tal-konvenut odjern Joseph Attard Montalto, fil-kawża "Joseph Attard Montalto et vs. Grazia Meilaq et" ċeduta quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 1961; u premess li f'dik il-kawża t-talba kienet biex

jiġi likwidat l-assi ereditarju tat-Tabib Dr. Angelo Attard Montalto billi jiġi dikjarat jikkonsisti fil-beni li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, u s-segregazzjoni minn dak l-assi, u l-assenjazzjoni lill-atturi ta' tant beni kemm ikunu suffiċjenti biex jissodisfaw il-leġittima tal-atturi u l-kundanna tal-konvenut f'dik il-kawża, okkorrendo, biex iħallsu u jikkonsenjaw lill-atturi l-beni hekk segregati; — u premess li l-konvenut Dr. Edgar Buhagiar fil-kwalità premessa, intaxxa f'dika l-kawża d-dritt tal-avukat f'sittax-il lira u għaxar xelini (£16.10.0) biss; u premess li din it-tassazzjoni hija manifestament żbaljata u insuffiċjenti, fost raġunijiet oħra, għaliex it-talba għall-assenjazzjoni, segregazzjoni u ħlas tal-leġittima ġiet taxxata f'erbgħa liri (£4) bis meta l-leġittima konsegwita kienet tal-valur ta' ċirka tlettax-il elf lira (£13.000) fuq assi ċirka £39,000 talbu li jiġi dikjarat u deċiż illi t-tassazzjoni tad-drittijiet tad-difensuri magħmula mill-konvenut Dr. Edgar Buhagiar fil-kawża fuq imsemmija, ċeduta quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 1961, hija inkorretta u insuffiċjenti u mhux skond il-liġi; u l-istess konvenut Dr. Edgar Buhagiar jiġi kundannat jagħmel ritassa u jintaxxa mill-ġdid l-imsemmija drittijiet, billi jintaxxa t-talba għall-ħlas tal-leġittima "ad valorem" jew skond kull kriterju ieħor adegwat u ġust li jiġi stabbilit minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Edoardo Magri u tal-Prokuratur Legali Giuseppe Mangion (fol. 5 tal-proċess) li biha qalu li jirrimettu ruħhom għall-ġudizzju ta' din il-Qorti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Grazia Meilaq, xebba u Maria Buttigieg, xebba (fol. 6 tal-proċess) li biha qalu:

Illi t-talba hija insostenibbili billi fid-diviżjoni "de quo" ma kien hemm ebda punt kontrovers dwar il-likwidazzjoni talleġittima, tant li l-partijiet irrimettew ruħhom għal, u adottaw integralment, ir-rapport ġudizzjarju.

Billi l-leġittimarji talbu l-pagament tal-leġittima ma jistax isir li l-kawża għandha tiġi taxxata "ad valorem" u dana għaliex dan id-dritt kien jispetta lilhom, fil-limiti tal-liġi, fuq il-patrimonju tad-"de cujus" bħal ma jispetta lill-konsorti l-oħra, l-eredi *"pro indiviso"* mill-mument tal-opertura tas-suċċessjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard Montalto (fol. 8 tal-proċess) li biha qal li huwa jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-Qorti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Avukati Dottor Joseph Attard Montalto u Prokuratur Legali Benedict Hadrian Dingli (fol. 9) li biha qalu li huma kienu difensuri ta' Joseph Attard Montalto fil-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni li ġiet ċeduta fit-13 ta' Jannar, 1961 u huma jirrimettu ruħhom għas-savju ġudizzju ta' dina l-Qorti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Edgar Buhagiar fil-kwalità tiegħu ta' Reġistratur tal-Qrati Superjuri (fol. 10) li biha ssottometta:

Illi l-atturi ma eżibewx la taxxa ta' l-ispejjeż u lanqas notament li juri kif saret it-tassazzjoni.

Illi d-domanda odjerna hija limitata għal dikjarazzjoni fissens illi t-talba għall-ħlas tal-leġittima għandha tiġi taxxata "ad valorem". Dik id-domanda però ġiet sottoposta għallkundizzjoni "jekk ikun hemm bżonn" u bħala tali ma hix tax-

xabbili, molto più illi hu żgur illi ma kienx hemm bżonn illi l-kawża spiċċat bi transazzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-konvenut u n-noti tax-xhieda tagħhom.

Rat in-nota tal-avukat Dottor Victor Borg Costanzi bħala Reġistratur tal-Qorti li biha assuma l-atti tal-kawża bħala konvenut minflok l-avukat Dottor Edgar Buhagiar.

Rat il-proċess;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Kif ġie sottomess fid-dikjarazzjoni tal-konvenut Dottor Edgar Buhagiar nomine "Fil-kawża fl-ismijiet Joseph Attard Montalto et vs. Grazia Meilaq et" ċeduta quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 1961, Joseph Attard Montalto, Maria Dolores mart Maurice u Maria Salvina mart il-Maġġur Bernard J. Portelli R.M.A. (ilkoll leġittimarji ta' Dottor Angelo Attard Montalto) in kontestazzjoni ta' Grazia Meilaq u ta' Maria Buttigieg (eredi ta' l-istess Dottor Attard Montalto) talbu: (1) li jiġi likwidat l-assi ereditarju kollu mħolli minn Dottor Attard Montalto "billi jiġi magħmul jikkonsisti fil-beni kollha mobbli u immobbli li jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża"; (2) li "mill-istess assi ereditarju jiġu segregati tant beni kemm ikun hemm bżonn sabiex tiġi sodisfatta u mħallsa l-leġittima spettanti lill-atturi fuq l-assi ereditarju fuq imsemmi u l-istess beni hekk segregati jiġu assenjati lill-atturi bi ħlas u soddisfazzjon tal-istess leġittima billi l-konvenuti, jekk hemm bżonn, stante li għandhom f'idejhom l-assi ereditarju fuq imsemmi, jiġu kun-

dannati jħallsu u jikkonsenjaw lill-atturi l-beni u sustanzi li jkunu hekk ġew segregati u assenjati lilhom atturi".

Kif ġie wkoll rilevat fl-istess dikjarazzjoni, u kif il-Qorti setgħet tikkonstata mill-eżami tal-proċess tal-kawża: Joseph Attard Montalto et vs. Grazia Meilaq et ċeduta fit-13 ta' Jannar, 1961, ma kien hemm ebda kontestazzjoni f'dik il-kawża għal likwidazzjoni mitluba, u anzi ingħad fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti f'dik il-kawża: "Illi fil-meritu l-konvenuti ma jopponux it-talbiet tal-atturi għal konsegwitu tal-leġittima".

Kien ġie nominat Perit biex jistabilixxi l-konsistenza ta' l-assi creditarju imsemmi fiċ-ċitazzjoni u biex jipproponi pjan ta' likwidazzjoni tal-leġittima mitluba mill-atturi, u wara li huwa hekk għamel il-kawża ġiet ċeduta peress illi l-partijiet għamlu kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bonello fit-12 ta' Jannar, 1961, kif jirriżulta mill-imsemmi proċess u mixxhieda tal-attur Dr. Borg Grech a fol. 17 tal-proċess preżenti.

Kienet ġiet biss sollevata l-kwistjoni mill-atturi jekk garage b'bitħa x-Xlendi, Għawdex, kellux jidħol fil-qasma, u kien ġie miftiehem illi dak il-fond kellu jiġi kunsidrat bħala appartenenti lill-konvenuti, b'dan li kellu jiġi stmat minn perit u l-konvenuti kellhom iħallsu lill-atturi terz mis-somma riżultanti mill-valutazzjoni.

Ikkunsidrat;

Għalkemm ma ġietx prodotta taxxa uffiċjali, bil-verbal reġistrat a fol. 15 ġie dikjarat, oltre li l-partijiet jaqblu illi l-ammont taxxat huwa kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, però mhux "ad valorem", illi t-tassazzjoni saret skond in-nota ippreżentata mill-attur.

Din in-nota turi li t-tassazzjoni saret bil-mod li ġej:

| | Reġistru | Avukat |
|---|---|---|
| Likwidazzjoni assi ereditarju | £1 | £4 |
| Konsistenza | £1 | £4 |
| Diviżjoni | £1 | £4 |
| Assenjazzjoni | £1 | £4 |
| Digriet | 5s | 10s |
| Kopja degriet | 1s | |
| 2 xhieda | 3s | |
| | £4.9.0 | £16.10.0 |

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom a fol. 19 l-atturi jgħidu *illi* l-ilment tagħhom ma huwiex *illi* d-domanda għal ħlas tal-leġittima li ġiet magħmula "jekk hemm bżonn" ossija "*occorrendo*" hija taxxabbli u li għandha tiġi taxxata "ad valorem". Huma ma jippretendux, qalu, illi ta' dik id-domanda għandu jiġi taxxat dritt separat *mid-domandi* preċedenti; jippretendu però *illi* d-domanda preċedenti — li għaliha hija subordinata dik tal-ħlas tal-leġittima — u li tirrigwarda l-asenjazzjoni *lill-leġittimarji* tal-beni li jiġu *segregati* mill-Qorti bħala formanti l-leġittima, kellha tiġi intaxxata mhux £4 biss, imma "ad valorem".

It-talba, però magħmula *minn* l-atturi ma hijiex dik hekk indikata fin-nota tal-osservazzjonijiet, imma hija biex il-konvenut Dottor Edgar Buhagiar nomine, illum Dottor Victor Borg Costanzi nomine, jirritassa d-drittijiet tal-atturi billi jintaxxa għal ħlas tal-leġittima "ad valorem" jew skond kull kriterju ieħor adegwat u ġust.

Kif ġie rilevat fin-nota *tal-osservazzjonijiet* tal-imsemmi konvenut nomine, fiċ-ċitazzjoni oriġinali Attard Montalto et

vs. Meilaq et id-domandi huma għal likwidazzjoni, konsistenza, diviżjoni, assenjazzjoni, u jekk hemm bżonn għal ħlas tal-leġittima.

L-ewwel erba' domandi ġew fil-fatt taxxati u t-tassazzjoni tagħhom ma ġietx impunjata. Il-ħames domanda, soġġetta għal kondizzjoni "jekk hemm bżonn', ma ġietx intaxxata, għaliex magħmula b'din il-kondizzjoni.

Kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet: Teresa Azzopardi vs. Sapienza Debattista 25.2.1918, Vol XX, ii, 415: "Una domanda proposta colla limitazione della clausola "occorrendo" non deve essere presa in calcolo nella tassazione delle spese".

Inoltre, kif ġie sottomess subordinatament mill-istess konvenut nomine, għalkemm huwa veru illi l-leġittimarju ma għandux kwota mill-ereditià, u lanqas ma għandu l-personalità ġuridika tad-"de cuius", huwa it-titolari ta' kwota tal-beni tad-"de cuius" in forza tal-liġi. Huwa in forza tal-liġi li l-leġittima tgħaddi fil-leġittimarju mal-mewt tad-"de cuius" u mhux in forza ta' sentenza. Billi l-leġittima ma hijiex "costituita sopra cosa certa che possa essere direttamente richiamata,...... si rende necessario ezaminare anzi tutto quali beni del patrimonio della defunta debbano essere, 'arbitrio beni viri', segregati per essere assegnati in sodisfazione della stessa legittima" (Vol. IX. 300). Però d-dritt għal proprietà tal-leġittima jitwieled mal-apertura tas-suċċessjoni, għalkemm hija neċessità tas-segregazzjoni u l-assenjazzjoni, u għalhekk is-sentenza dwar il-leġittima ma ġġibx dak il-passaġġ ta' flus jew trasferiment ta' proprietà li fuqhom hija bażata t-tassazzjoni "ad valorem".

Kif ukoll ġiet sottomess minn l-imsemmi konvenut nomine, ikun hemm ċertament dritt għat-tassazzjoni "ad valorem" fuq l-ammont involut, fil-każ illi l-werrieta jikkontestaw id-

dritt stess tal-leġittimarji għal leġittima jew meta tiġi definita kwistjoni. Però fil-każ preżenti ma jidhirx illi kien hemm dik il-kontestazzjoni u kien sempliċement il-każ ta' likwidazzjoni, konsistenza, assenjazzjoni u diviżjoni, bl-indaġini li jġibu magħhom dawk l-operazzjonijiet, għalkemm il-valur tal-beni kien rilevanti ħafna. Veru li dan kien jinvolvi l-punt rigward il-proprietà ta' fond f'Għawdex, imma dan daħal inċidentalment u ġie stabbilit u riżolut bi ftehim bejn il-partijiet, mingħajr ma kellha ssir xi talba "ad hoc" u mingħajr ma kellha tiġi deċiża xi talba relativa.

Għal dawna r-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.